Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 267/2014/1

**Andrew Borg Cardona u Peter Caruana Galizia (appellati)**

**Vs**

**Dr Aaron Farrugia (appellant)**

18 ta' Dicembru, 2018.

1. B'rikors prezentat fis-6 ta' Awissu, 2014 l-atturi talbu lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni ai termini tal-artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kap. 248) u dan minhabba dak li ppubblika fit-3 ta' Awissu 2004 fuq Facebook u Twitter fejn ghamel malafama lill-atturi.

2. Il-kawza hi dwar *post* li l-attur ghamel fit-3 ta' Awissu, 2014 fuq Facebook u Twitter li taqra:-

> *"€2.5 Miljun f'kuntratti lil Daphne/Peter Caruana Galizia u Andrew Borg Cardona mill-gvern nazzjonalista fl-ahhar snin. Li jghaqqad dawn il-persuni flimkien mhumiex biss il-kumpanniji li ghandhom bejniethom izda l-hdura u l-attakki kkordinati 24/7 fuq dak kollu li hu Partit Laburista, linja editorjali wahda kkordinata mill-Pieta. Kompli ghamel rapport tat-telf wara l-iehor SB".*

3. B'sentenza tat-22 ta' Marzu, 2018 l-ewwel qorti cahdet l-eccezzjonijiet u kkundannat lill-attur ihallas lill-konvenuti s-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) bhala danni skont l-artikolu 28 tal-Kap. 248.

4. B'rikors prezentat fl-10 ta' April, 2018 il-konvenut appella mis-sentenza, bl-aggravji jkunu dwar:

   i. Il-fatt li huwa semplicement ippubblika fi kliemu dak li kien diga' fid-dominju pubbliku u li dwaru kien hemm dibattitu dwaru. Dan apparti li

l-atturi ma kinux wiegbu ghall-pubblikazzjoni stampata fil-gazzetta Kulhadd tat-13 ta' Lulju, 2014 fejn inkiteb li kumpannija, li fost l-imsiehba taghha kellha lill-atturi, inghatat zewg kuntratti b'valur ta' iktar minn €800,000 ftit gimghat biss qabel l-elezzjoni generali.

ii. Id-danni likwidati mill-ewwel qorti.

5. Fit-23 ta' April, 2018 wiegbu l-konvenuti fejn taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

**Konsiderazzjoni.**

6. Irrizulta li din il-*post* saret wara li dakinhar stess kien pubblikat artikolu fil-gazzetta Kullhadd fejn gie rapportat li l-kumpannija bl-isem ta' Evolve Limited inghatat iktar minn €2.5 miljun f'kuntratti mill-Gvern Nazzjonalista. Issemma wkoll li BCGL Services Limited hi azzjonista fl-imsemmija kumpannija, u li l-atturi huma diretturi f'BCGL Services Limited. Fit-13 ta' Lulju, 2014 l-istess gazzetta kienet ghamlet allegazzjoni simili fil-konfront tal-atturi.

7. Il-konvenut bl-iktar mod ingenwu jidher li qabad dik l-ahbar u ghamilha fatta li l-atturi u Daphne Caruana Galizia inghataw kuntratti b'valur ta' €2.5 miljun minn Gvern Nazzjonalista. Pero' fil-post m'ghamilx riferenza ghas-sors tieghu, ghalkemm xorta ma kinitx tkun difiza tajba ghalih (ara artikolu 24 tal-Att dwar l-Istampa, Kap. 248). Dik id-disposizzjoni taghmilha cara li:

> *"Ebda waħda mill-persuni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan ma tista' tipprova, b'difiża tagħha, li l-kitba hija kopja, jew estratt, jew sommarju, jew traduzzjoni ta' kitba oħra li diġà ġiet stampata jew pubblikata xort'oħra".*

Hu evidenti li persuna li tippubblika b'ripetizzjoni fatt li tkun semghet minghand haddiehor jew li tkun qrat f'pubblikazzjoni, ma tistax targumenta li dak li qalet ghandu nqas sinifikat malafamanti mill-malafama originali. Fis-

sentenza **Truth (NZ) Ltd vs Philip Holloway** tal-1960, il-Judicial Committee tal-Privy Council ghamel riferenza ghall-Gatley:

> *"Every republication of a libel is a new libel, and each publisher is answerable for this act to the same act as if the clumny originated with him".*

8. Ghaldaqstant, il-fatt li ahbar tkun diga' qeghda fid-dominju pubbliku m'hijiex difiza valida ghal min ikun ghamel malafama permezz ta' *re-publication*. F'dan il-kaz l-attur sahansitra ta verzjoni kemxejn differenti, ghaliex ma semmiex kumpanniji u fl-artikoli tal-Kulhadd ma nkitibx li Daphne Caruana Galizia nghatat kuntratti b'dak il-valur.

9. Il-qorti zzid li l-fatt li fid-data tal-pubblikazzjoni l-atturi kienu ghadhom ma tawx reazzjoni ghal dak li nkiteb fil-gazzetta, mhu ta' ebda beneficcju ghad-difiza tal-konvenut. Dak il-fatt ma kienx jaghti lill-attur il-jedd li jghid li jrid jew li jikkonkludi li l-fatti pubblikati kienu l-verita. Dan apparti li l-*post* li ppubblika l-attur ma kienx semplici kumment dwar ahbar li dehret f'gazzetta lokali. Fil-fatt fil-*posts* ma saritx riferenza ghall-artikoli pubblikati fil-gazzetta Kullhadd fit-13 ta' Lulju u 3 ta' Awissu, 2014. Hu evidenti li l-konvenut strah biss fuq fatti li ssemmew fil-gazzetta l-Kullhadd, u li wara rrizulta li ma kienx minnu.

10. Jinghad ukoll li ghalkemm min jippubblika jkun jemmen fil-verita tal-fatt li jkun ippubblika, li evidenti hu dak li gara lill-attur, xorta jibqa' responsabbli ghall-malafama fejn ma jaghtix prova li l-fatt hu veru. M'huwiex biżżejjed li wieħed jargumenta li bbaża dik il-post fuq rapport pubblikat fil-gazzetta. Ħadd m'għandu jieħu for *granted* li dak rapportat f'gazzetta hu l-verita, iktar u iktar meta jiġi ppubblikat f'gazzetta li ddoqq il-muzika ta' partit politiku wieħed biss.

11. Il-*posts* tal-attur li huma oggett tal-kawza jaqghu taht id-definizzjoni ta' stampat u wkoll pubblikazzjoni taht l-istess ligi (ara definizzjoni f'artikolu 2). Il- Facebook u Twitter kienu l-*medium* biex dak li ried ighid jikkomunikah lill-pubbliku.

12. M'hemmx dubju li d-dikjarazzjoni li, ***"€2.5 Miljun f'kuntratti lil Daphne/Peter Caruana Galizia u Andrew Borg Cardona mill-gvern nazzjonalista fl-ahhar snin"*** hi dikjarazzjoni ta' fatt. Fatt li mill-provi rrizulta li m'huwiex minnu. F'dan ir-rigward irrizulta li:

i. BCGL Services Limited hi kumpannija registrata fis-17 ta' Marzu, 2006 sabiex tagixxi bhala trustee u tipprovdi servizzi fiducjarji skont it-Trust and Trustees Act, inkluz li taghti pariri ta' konsulenza dwar l-istess. L-atturi huma, ma' avukati ohra, l-azzjonisti ta' dik il-kumpannija. Kumpannija li ghandha licenzja mahruga mill-MFSA li nghatat fl-istess gurnata li fiha jinghad (fol. 22) li l-kumpannija:

> *"... is hereby authorised in terms of Article 43 of the Trusts and Trustees Act to receive property under trust and to act as a trustee or co-trustee".*

ii. Evolve Limited hi kumpannija Maltija registrata fit-13 ta' Gunju, 2006 li l-ghan principali taghha hu *"(i) to import, resell, install, commission and otherwise deal in scientific, medical and industrial equipment and consumables"*. L-azzjonisti taghha huma Attard & Co (Industrial Ltd) u BCGL Services Ltd. Tnejn mid-diretturi taghha huma Hugh Arrigo u Christopher Busuttil. Ma jirrizultax min hu t-tielet direttur ta' Evolve Limited.

13. Dak pubblikat fil-gazzetta Kullhadd hu jew kaz ta' qattusa mghaggla li taghmel friegh ghomja jew kaz ta' pubblikazzjoni ta' fatti in *mala fede*. Ftit ricerka fir-Registru tal-Kumpanniji kienet taghti l-fatti li ssemmew hawn fuq. Sfortunatament il-gazzetti u media tal-partiti politici hafna drabi jghagglu biex jippubblikaw ahbar intiza sabiex tattakka r-reputazzjoni ta' persuni ta' fehma politika differenti. Wara li jirrizulta li l-ahbar tkun falza, jaghzlu li ma jirtirawx l-ahbar u jiskuzaw ruhhom ghall-inkonvenjent li jkunu holqu lill-persuna li tkun giet malafamata. L-ghajta hi favur il-liberta tal-espressjoni. Pero' daqstant iehor ir-reputazzjoni tan-nies m'ghandhiex tigi kkalpestata minhabba

agenda politika b'fatti li ma jkunux veri. Imbaghad min ighid fatti foloz, ghandu jkollu l-maturita' li jitlob skuza.

14. Fit-tielet eccezzjoni l-konvenut argumenta li l-fatti pubblikati fil-gurnal Kullhadd, u li rriproduca fil-qasir, jidhru li huma sostanzjalment korretti fis-sens li l-kumpannija BCGL Services Limited hi azzjonista fis-socjeta Evolve Limited. Dak li jinteressana ghal finijiet ta' din il-kawza hu x'kiteb il-konvenut u mhux x'seta' kiteb haddiehor. Il-fatt li l-ahbar kienet fid-dominju pubbliku, kif xehed l-appellant, ma jfissirx li kellu dritt jirripettiha qiesu xejn mhu xejn u ma jwegibx. Inoltre hemm mod u mod kif tirrapporta ahbar. L-attur xehed, *"Giet mitkellma fid-domiju pubbliku u jiena hassejt illi bhala esponent politiku ghandi nikkummenta wkoll dwarha bhal ma ghamlu hafna ghexieren ta' nies ohra"* (fol. 62). Il-problema m'hijiex li tikkummenta izda l-fatt li l-attur ippubblika fatti u kkummenta dwarhom daqslikieku kienu l-verita, meta ma kinux.

15. Il-*posts* pubblikati mill-attur kienu ovvjament intizi biex jattakkaw ir-reputazzjoni tal-atturi, wiehed ghaliex kien ir-ragel ta' Daphne Caruana Galizia u l-iehor ghaliex hu maghruf li regolarment jikkritika lill-Partit Laburista u ufficjali tieghu. Kritika li kemm-il darba kienet harxa. Fil-kaz tal-avukat Caruana Galizia, zgur li m'huwiex maghruf bhala xi persuna kontroversjali fil-qasam tal-politika. Hu fatt li martu kienet ferm vocifera fir-rigward tal-Partit Laburista, il-mexxejja tieghu, membri u wkoll partitarji. Jibqa' l-fatt li l-messagg li nghata fil-*posts* hu li l-atturi gawdew minn *political favoritism* li wassal ghall-qliegh ta' miljuni ta' ewro ghalihom, u kienu parti mill-kampanja tal-Partit Nazzjonalista sabiex jattakka lil kull min, b'mod jew iehor, ghandu x'jaqsam mal-Partit Laburista. L-attur ried ixerred dik l-ahbar li pero' rrizulta li kienet falza.

16. Kulhadd ghandu l-jedd li jkollu l-fehmiet politici tieghu u jikkritika lill-avversarju politiku, pero' hadd m'ghandu jedd ighid fatt fuq haddiehor li

m'huwiex minnhom. Hu ovvju li l-ahbar li ta l-attur kienet biex jattakka r-reputazzjoni tal-atturi.

17. Min jaghzel dik it-triq ma jistax wara jippretendi li ma jerfax ir-responsabbilta' ghal dak li jkun qal. Li l-konvenut ippubblika t-twegiba tal-atturi pubblikata fil-gazzetta Kulhadd fl-10 ta' Awissu, 2014 ma kinitx bizzejjed. F'dik it-twegiba l-atturi ghamlu l-posizzjoni taghhom cara hafna, u s-serjeta' kienet titlob li l-konvenut minnufih jirtira l-post u jitlob apologija tal-inkonvenjent. Il-qorti taghmilha cara wkoll li l-provokazzjoni ma tiggustifikax li wiehed jivvinta fuq haddiehor.

18. Fir-rigward **tat-tieni aggravju,** il-qorti hi tal-fehma li jkun iktar floku jekk f'kawza ta' libell l-ewwel qorti fis-sentenza taghti r-ragunijiet li jkunu wassluha biex tillikwida s-somma li tikkundanna lill-konvenut ihallas. Hemm diversi ragunijiet, bhal per ezempju:

- In-natura u s-serjeta tal-allegazzjoni li tkun saret fid-dikjarazzjoni malafamanti;
- Il-mezz tal-pubblikazzjoni;
- Kemm id-dikjarazzjoni malafamanti tkun inxterdet;
- Li l-awtur ikun ghamel apologija jew offra li jaghmel apologija;
- Provi dwar ir-reputazzjoni tal-attur;
- Fejn il-konvenut ikun invoka l-verita tal-fatti, jekk parti mill-fatti li jkun gew imxandra jkunu rrizultaw li huma veri;

19. F'dan il-kaz il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni li ghandha l-ewwel qorti fil-likwidazzjoni tad-danni morali. Fir-realta' s-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) tfisser €1,500 lil kull wiehed mill-atturi ghal zewg *posts*, wahda fuq Facebook u l-ohra fuq Twitter. Dan apparti li m'huwiex bizzejjed li l-konvenut ighid li l-post ta' Twitter dehret awtomatikament hekk kif ippubblika fuq il-Facebook. Fl-ewwel lok ma saritx prova sodisfacenti li kif persuna taghmel post fuq il-Facebook, dik il-post

tidher ukoll fuq Twitter account taghha. Inoltre, jibqghu zewg pubblikazzjonijiet differenti.

20. Il-qorti zzid li l-ligi ma tipprovdix li fil-likwidazzjoni tad-danni morali l-qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-pubblikazzjoni kienet re-pubblikazzjoni ta' fatti li kienu diga' gew stampati. L-artikolu 24 tal-Kap. 248 hu car li re-pubblikazzjoni m'hijiex difiza.

21. Bil-*posts* tal-attur fuq Facebook u Twitter, l-ahbar tpoggiet ukoll fid-dominju pubbliku. Il-konvenut stess xehed, *".... jiena hassejt illi ghandi nikteb ukoll kumment tieghi fuq facebook ghax jien ghandi following ta' persuni li jsegwu l-hidma tieghi fuq facebook u anke jaqraw ukoll l-attakki illi jkun hemm fil-konfront tieghi"*. Pero' jibqa' l-fatti li l-fatti foloz gew pubblikati minnu, apparti li fl-ebda parti tal-*post* ma ddikjara li kien qieghed jippubblika ahbar li kienet pubblikata f'gazzetta lokali. B'dik il-post l-attur attakka r-reputazzjoni tal-atturi, cjoe' li kienu qeghdin igawdu favuri minghand il-Gvern Nazzjonalista billi jinghataw kuntratti li jiswew miljuni ta' ewro. L-ebda professjonist li jaqdi nies li jkollhom fehmiet politici differenti, m'ghandu bzonn dik it-tip ta' 'pubblicita' bazata fuq fatti foloz. L-ebda professjonist ma jrid li tinghata l-impressjoni li qieghed jintuza minn partit politiku fil-Gvern sabiex jattakka lil haddiehor li ghandu twemmin politiku differenti minnu.

22. Il-qorti zzid li ma tara l-ebda raguni ghalfejn l-ewwel qorti kellha tikkundannah ihallas inqas danni minn dak li llikwidat l-ewwel qorti. Dan ukoll meta tqies li l-massimu tad-danni kien fl-ammont ta' €11,646.87. Il-qorti hi tal-fehma li s-somma ta' €1,500 għal kull wieħed mill-atturi m'hjiex daqstant għolja li twassal lil din il-qorti biex ma taqbilx mal-ewwel qorti.

23. Ghalkemm il-konvenut qal li kien, *"strah fuq il-konsiderazzjoni wkoll illi l-gurnal 'Kulhadd' kien ghamel l-istharrig tieghu sew qabel ma ppubblika r-rapport u tali konvinzjoni kienet rafforzata mill-fatt li r-rikorrenti u Daphne Caruana Galizia, ma kienu ghamlu ebda cahda ghal din l-ahbar li giet proprju*

*pubblikata fuq il-front page tal-gurnal 'Kulhadd'"*, dan ikompli juri kemm kien ingenwu. Il-fatt li jista' jkun li assuma li dak rapportat fil-gazzetta Kullhadd kien veru, ma jiggustifikax li din il-qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel qorti. Il-fatt li ahbar tkun dehret fil-gazzetti ma jfissirx li dak kollu li jkun gie stampat hu l-verita. Jekk l-appellant assuma hekk, tort tieghu.

24. Hu veru wkoll li ghall-artikolu pubblikat fil-gazzetta Kullhadd, l-editur kien kundannat ihallas is-somma ta' €3,000 (ara sentenza **Dr Peter Caruana Galizia et vs Aleander Balzan**, 268/2014 deciza mill-istess qorti fit-22 ta' Marzu, 2018). Il-fatt li l-appellant ha l-ahbar minn gazzetta ma jfissirx li kellu jkun ikkundannat ihallas inqas danni. Minn qari tal-post hu altru milli evidenti li l-ahbar ghamilha tieghu, tant hu hekk li lanqas ma semma l-gazzetta Kullhadd.

25. F'dan il-kaz il-*post* kienu pubblikati fuq Facebook u Twitter. M'hemmx provi cari li l-posts kienu accessibbli biss ghal numru limitat zghir ta' nies.

26. Il-konvenut argumenta wkoll li hekk kif l-attur sar jaf li Daphne Caruana Galizia kienet ghamlet post fuq il-blog taghha li biha cahdet dak pubblikat fil-gazzetta Kulhadd fit-13 ta' Lulju, 2014 u fit-3 ta' Awissu, 2014, *"... minghajr hadd ma talbu jaghmel dan jew wisq inqas gieghlu jaghmel dan minnufih pogga l-blog imtella' minn Daphne Caruana Galizia b'cahda ta' dak rappurtat fuq it-twitter account u l-facebook page tieghu, sabiex b'hekk l-istess udjenza limitata li ftit sighat qabel kienet rat il-post tal-appellant setghet taqra u taw wkoll ic-cahda u r-ribattitu maghmul minn Daphne Caruana Galizia in difiza wkoll tar-rikorrenti odjerni"*. Pero' t-tnaqqis tad-danni jsir fejn il-persuna jkun ghamel apologija jew offra li jaghmel apologija (artikolu 28). F'dan il-kaz ma saret l-ebda apologija. Dan apparti li m'hemmx prova li l-attur nehha l-posts, iktar u iktar wara r-risposta li l-atturi taw u li giet pubblikata fil-gazzetta Kulhadd tal-10 ta' Awissu, 2014. Inoltre, kieku ried l-appellant kellu l-mezzi biex jivverifika mir-Registru tal-Kumpanniji jekk dak li ddikjaraw l-atturi kienx minnu.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.